# BEATI U QADDISIN...APRIL

## SANTA MADALENA DI CANOSSA

## 10 TA' APRIL

Twieldet gewwa Verona fis-sena 1774 minn familja illustri fl-Italja . Sfat orfni minn missierha, wara li dan mar fuq spedizzjoni fuq il-muntanja Lessini, li spiccat fi tragedja: ommha regghet izzewget u l-edukazzjoni ta' Madalena flimkien ma' hutha giet afdata f'idejn, ghalliema privata



Wara marda gravi, hija stqarret ma' Don Pietri Rossi, id-decizzjoni taghha li tikkonsagra hajjitha lill-Mulej u tibda' taqra u tifli xi regoli ta' ordnijiet religjuzi. Waqfet fuq l-ordni tal-Karmelitani Skalzi u fit-2 ta' Mejju tas-sena 1791 irtirat ghal 10 xhur fil-monasteru ta' Santa Tereza gewwa Verona. Imma rat li dik il-hajja ta' klawsura ma kienitx tghodd ghaliha. Is-sejha taghha kienet ohra. Fi zmien meta kienet qed tfittex liema triq kienet ser tiehu, iltaqghet ma' don Luigi Libera, li sar id-direttur spiritwali taghha. Huwa ghenha hafna biex taghraf it-triq tal-vokazzjoni taghha. Fis-sena 1799 hija iltaqghet kemm mal-

vigarju generali tad-djocesi u kemm ta' l-isqof, Adrea Avogadro u lilhom ipprezentat programm ta' hidma karitativa, li pero' ma gietx approvata.

Waqt li kienet ghaddejja minn sofferenza minhabba din ic-cirkustanza, sabet ma wiccha problemi familjari ghaliex kellha tiehu r-responsabilta li tamministra l-gid tal-familja, inkluz il-palazz Canossa.  Imma dan ma tellifhiex il-hegga li tibda' l-opra li ghaliha kienet thossha msejha. Bdiet tigbor madwarha tfajliet tat-triq u zzur il-morda fl-isptarijiet.

Kienet il-fidi u d-determinazzjoni taghha li ghenuha tirbah l-ostakli kollha, anke dawk familjari u tasal biex takkwista minghand il-Prefett ta' Verona, propju gewwa San Zeno, il-monasteru dedikat lil qaddsin Guzeppi u Fidenzio, fejn hija kienet tospita t-tfajliet foqra u abbandunati. U hekk beda' l-Istitut ta' Ulied il-Karita'.

Is-sisien ta' l-istitut taghha kienu t-taghlim religjuz u dak materjali u zjajjar lill-morda.

Fethet djar ohra gewwa Venezja, Milan, Bergamo u Trento. Fis-sena 1819 il-Kongregazzjoni taghha akkwistat ir-rikonoxximent ekklesjastiku u l-Papa Ljun XII approva r-Regola taghha.

Il-kitbiet taghha juru kemm kienet mara ta' fidi u kemm kienet mimlija mhabba lejn Kristu, u x'dedikazzjoni kellha lejn il-proxxmu taghha.

Mietet fl-10 ta' April tas-sena 1835 u giet beatifikata mill-Papa Piju XII fis-7 ta' Dicembru tas-sena 1941. Fit-2 ta'

Ottubru tas-sena 1988 il-Papa Giovanni Pawlu II iddikjaraha qaddisa